**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Ivan Tallarini**

**Kumpilazzjoni Numru: 42/13**

**Illum, 27 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Ivan Tallarini detentur tal-karta tal-identita` numru 57183A.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Dicembru 2011 fl-inhawi tal-Birgu, ghall habta tal-11.30am b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Priscilla Vella minn Marsascala, li tista ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Semghet ix-xhieda migjuba f'dawn il-proceduri flimkien mat-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza tittratta fuq pustiera li waqt li kienet qed taghmel xoghlha giet migduma minn kelb li allegatament hareg jigri mir-residenza tal-imputat u minnufih gidem lill-istess f'idejha. Illi ghalhekk gie akkuzat l-imputat bhala sid il-kelb talli kien negligenti.

Semghet ix-xhieda tal-pustiera **Priscilla Vella** li qalet bil-gurament li dakinhar tas-sitta (6) ta' Dicembru kienet qed timposta l-posta l-Birgu u malli kienet qed timposta xi haga fir-residenza tal-imputat, harget mara u warajha kien hemm l-imputat bic-cinga f'idejh u kelb hdejh li appena raha lill-pustiera hareg jigri ghaliha u gidmilha jdejha x-xellugija. Hija tghid ukoll illi kellu jigi jaqilghu l-imputat minn idejha ghax il-kelb baqa' bi snienu mwahhlin ma' jdejha. Hija tghid ukoll illi ghadha ssofri minn ugigh u fil-fatt Dr. Alec Sultana iccertifikaha li qed tbaghti minn dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) minhabba dan l-incident.

Xehed ukoll **Dr. Alec Sultana** li qal illi meta ra lill-parte civile l-ferita kienet diga' ghalqet pero' hi baqghet issofri minn ugigh. Huwa sab illi l-parte civile kellha nefha fir-raba' subgha tal-id u kellha hafna wgigh meta tmiss dak il-gok ta' dak is-subgha.

Finalment xehed l-imputat **Ivan Tallarini** li llum-il gurnata l-kelb mertu ta' dan l-incident miet. Huwa jghid illi dakinhar mar igib tapit mill-parapett barra l-bieb

u minnufih isib il-pustiera b'gakketta hoxna u skura u bil-*helmet* f'rasha li kienet qed timposta ittra fil-kaxxa tieghu. L-imputat jghid illi huwa l-anqas biss hareg mill-bieb ta' barra sabiex igib dan it-tapit meta minnufih johrog il-kelb li kien gewwa u hataf id il-pustiera. Dan jghid ukoll illi l-kelb ma qalibx il-pustiera mal-art izda hareg u specifikatament mar ghal idejha ghaliex probabbilment beza' minnha bl-ilbies li kienet liebsa.

Huwa jghid ukoll illi kemm-il darba jisimghu l-pustiera ghaliex dawn jigu bil-mutur u ghalhekk jaghmlu certu hoss u ghalhekk dakinhar huma ma kinux gew anticipati bil-pustiera ghaliex ma kinux semghu l-mutur taghha.

Xehdet ukoll is-siehba tal-imputat **Louise Parretti** li qalet illi dan il-kelb kellu temperament tajjeb hafna u qatt ma kien ghamel hsara lil hadd. Hija dakinhar tghid illi huma riedu johorgu mal-kelb u f'daqqa wahda sabu lill-pustiera ma' wicchom li kienet liebsa *helmet* iswed li jghattilha wiccha wkoll u anke gakketta hoxna skura. Hija tispjega kif wara li l-kelb hataf id il-pustiera huma ghenuha bil-griehi taghha billi tawha il-*First Aid.*

Illi bl-akkuzi addebitati lill-imputat u cioe' li b'nuqqas ta' hila u traskuragni u/jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Priscilla Vella, jinghad illi l-Qrati taghna dejjem qaghdu mat-*test* tal-*bonus pater familias*. Illi f'dawn il-proceduri hareg car illi l-akkuzat u s-siehba tieghu kienu ser johorgu mal-kelb taghhom meta f'daqqa wahda u wara li l-akkuzat fetah il-bieb, isibu ma' wicchom il-pustiera. Illi jinghad ukoll illi f'dak il-mument kien hemm is-siehba tieghu u l-kelb li kienu ghadhom gewwa u l-kelb ghamel manuvra ghal kollox imprevedibbli li hareg b'kemm jimxi. Dan hareg car ukoll illi wara l-bieb ta' barra hemm parapett u dan qed jinghad ghall-fatt illi l-kelb kien ghadu ma ghandux ic-cinga maqfulha f'dak il-mument qabel ma hareg mill-bieb ta' barra.

Illi hareg car ukoll illi dan il-kelb ma kellux l-ebda storja ohra ta' dan it-tip u l-anqas il-Prosekuzzjoni ma kellha xi tghid fuq dan il-punt u ghalhekk din il-Qorti qed tohodha bhala stat ta' fatt. Dan ukoll qed jinghad ghaliex l-imputat ma kellux ghalfejn per ezempju jaqfillu c-cinga hafna qabel ma johorgu sabiex il-kelb jigi kkalmat.

Jinghad ukoll illi l-unika spjegazzjoni logika ghaliex dan il-kelb irreagixxa b'dak il-mod meta gie kkonfrontat bil-persuna tal-pustiera kompletament liebsa l-iswed minn rasha sa saqajha u ghalhekk dan min jaf x'hasibha.

Illi din il-Qorti ma thossx illi kien hemm xi nuqqas jew negligenza jew xi nuqqas ta' tharis ta' xi regolamenti min-naha tal-imputat anke in vista tal-fatt li jekk il-Prosekuzzjoni riedu jibbazaw il-kaz taghhom fuq dan l-ahhar element ta' dan ir-reat, huma kellhom jispecifikaw x'kien dak il-ksur tar-regolamenti. Illi dan kien semplicement incident sfortunat fejn din il-pustiera kienet fil-post il-hazin fil-mument il-hazin u liebsa kif kienet liebsa hasdet il-kelb li ovvjament jagixxi bl-istint annimalesk tieghu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Ivan Tallarini** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minnha.

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**